**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Carmel Attard iben Lawrence u Maria nee Gatt li joqghod 30, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex.**
**(I.D. No 54446G)**

Illum 7 ta' Frar 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli f'dawn l-ahhar xhur bi hsara ghall-konjugi Mario u Sandro Debono minn Marsalforn, Ghawdex, ikkommetta vjolazzjoni kontra l-proprjeta taghhom billi f'porzjon art fi Triq l-Ghar ta' Xerri, Xaghra, Ghawdex, (1) iddepozita vetturi u materjal iehor, (2) u zamm scrapyard minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet l-amissjoni fuq l-ewwel u t-tieni akkuzi;

Ghalhekk issibu hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi;

Rat l-artikoli 3 tal-Kap 206 u 338 (gg) tal-Kap 9.

Tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' ghaxar liri Maltin (Lm10);

Tiddikjara l-procediment ezawrit fuq l-akkuza li mhix innumerata;

Tobbligah inehhi l-inkonvenjent fi zmien tmintax-il jum mill-lum skond l-artikolu 377 tal-Kap 9 u dan fuq penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) kuljum fin-nuqqas.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur